# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/225/PESK

## tas-26 ta' April 2012

## li temenda d-Deċiżjoni 2010/232/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra Burma/il-Mjanmar

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-26 ta' April 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/232/PESK ([1]).

(2) L-Unjoni segwiet b'rispett u apprezzament il-bidliet storiċi fil-Burma/il-Mjanmar matul l-aħħar sena u ħeġġet ir-riformi estensivi biex tkompli fi shubija li qed tiżviluppa ma' atturi politiċi u tas-soċjetà ċivili. L-Unjoni laqgħet il-passi konkreti li ttieħdu lejn dawn l-għanijiet.

(3) Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi u bħala mezz biex tilqa' u tinkoraġġixxi l-proċess ta' riforma, il-miżuri restrittivi għandhom jiġu sospiżi bl-eċċezzjoni tal-embargo fuq l-armi u l-embargo fuq tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna li għandhom jinżammu.

(4) Id-Deċiżjoni 2010/232/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni 2010/232/PESK huwa b'dan sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 15*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-30 ta' April 2013.

3. Il-miżuri msemmija fl-Artikoli 3 sa 13a għandhom jiġu sospiżi sat-30 ta' April 2013.".

*Artikolu 2*

Il-persuni elenkati fl-Anness għandhom jitneħħew mil-lista tal-persuni fil-parti J tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/232/PESK.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' April 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BØDSKOV

([1]) ĠU L 105, 27.4.2010, p. 22.

*ANNESS*

**Persuni li jirreferi għalihom l-Anness 2**

1. Thidar Zaw
2. Pye Phyo Tay Za
3. Ohn
4. Shwe Shwe Lin
5. Nan Than Htwe a.k.a Nan Than Htay
6. Nang Lang Kham a.k.a. Nan Lan Khan
7. Lo Hsing-han
8. San San Kywe
9. Nandar Hlaing
10. Aye Aye Maw
11. Nan Mauk Loung Sai a.k.a. Nang Mauk Lao Hsai
12. Than Than Nwe
13. Nay Soe
14. Theint Theint Soe
15. Sabai Myaing
16. Htin Htut
17. Htay Htay Khine (Khaing)
18. Sandar Tun
19. Aung Zaw Naing
20. Mi Mi Khaing
21. Moe Mya Mya
22. Thurane Aung a.k.a. Christopher Aung, Thurein Aung
23. Khin Phyone
24. Nyunt Nyunt Oo
25. Myint Myint Aye
26. Min Thein a.k.a. Ko Pauk
27. Tin Tin Latt
28. Wut Yi Oo
29. Capitain Htun Zaw Win
30. Yin Thu Aye
31. Yi Phone Zaw